MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2144/2002

**Lugardo sive Richard u
Carmen konjugi Attard**

**Vs**

**Charlot Gauci**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-ammont ta' Lm644.00c (sitt mija u erbgha u erbghin lira Maltin) li jirraprezenta import ta' skadenza ta' kera dovut f' Gunju 2002.

Ra r-Risposta tal-konvenut li qal li wara li giet iffirmata l-iskrittura tat-8 ta' Frar 2002 intlahaq ftehim iehor bejn il-partijiet liema ftehim ma giex onorat mill-atturi.
Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkunsidra li l-konvenut allega li kien hemm ftehim iehor li ma giex onorat mill-atturi izda l-istess konvenut naqas li jixhed u b’ebda mod ma pprova l-allegazzjoni tieghu.

Illi jirrizulta li l-konvenut hallas l-ewwel tlett xhur kera izda naqas li jhallas l-iskadenza li kienet dovuta f’Gunju 2002. Ra li l-atturi xehdu bil-gurament li l-ammont huwa dovut. Mill-kuntratt u mix-xhieda tal-atturi jirrizulta li l-ammont mitlub huwa dovut mill-konvenut lil atturi.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil atturi l-ammont ta’ Lm644.00c (sitt mija u erbgha u erbghin lira Maltin) bl-imghax mis-16 ta’ Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------